# Kitba għall-Flus

(*Ħolma miktuba fuq l-istess suġġett 7 snin ilu*)

Kien irnexxieli nistampa kemm-il teftifa 'l hawn u 'l hemm ġol-gazzetti u l-*magazines* u kont indaħħal ħaqq-il karta u kemm nieħu kafè u pastizz tat-taħbit. Fuq ix-xogħol sħabi kienu jinbxuni b'li nkun ktibt l-aħħar u kien hemm min ried ilaqqamni filosfu jew poetun wkoll. Darba ktibt sunett fuq il-gwerra u bgħattu lill-Editur tax-"Xahri", li kien jurini daqsxejn wiċċ ħelu iżjed minn ħaddieħor. L-għada bagħtuli lura u qalli nikteb sensiela sunetti xi ħaġa bħal dawk ta' Carducci "Ca Ira", u wegħidni li jekk jirnexxili niktibhom kien lest biex joħroġhom pamflet. B'ħafna tbatija u taħbit u żmien is-sunetti lestejthom u bgħatthomlu, u bgħattlu wkoll daqs tletin poeżija oħra u ħriġna ktieb "Il-Għanja tal-Ġlieda w għanjiet oħra", edizzjoni ta' 500 ktieb li f'xaħrejn inbiegħet kollha. Irġajna ħriġna edizzjoni ta' 2000 u n-nies baqgħet tixtrihom. Il-gazzetti mexxewh, irċevejt ittri ta' tifħir mingħand l-aqwa kittieba, u l-*publisher* bgħatli ċekk ta' £100 — qliegħ.

Dan kien l-ewwel suċċess tiegħi.

Wara l-Għanja tal-Ġlieda kont nirċievi ordnijiet minn hawn u minn hinn. Dan iwegħdni £10 biex niktiblu innu, dan £20 biex nibgħatlu novella, dak iridni nlestilu edizzjoni kritika ta' dan il-poeta u l-ieħor nagħmillu erba' kelmiet għal dak ir-rumanz. Bil-ftit il-ftit bdejt naqla' x'niekol bil-pinna u ħsibt u rajt li aħjar inħalli x-xogħol tal-*ledgers* u l-*bookkeeping* u ningħata għall-kitba biss.

Minn dak inhar 'l hawn stampajt ktieb ta' l-*essays*, ieħor novelli, ġabra oħra poeżiji, urejt u stampajt dramm, ktibt erba' rumanzi li stampajthom l-ewwel *serials,* imbagħad fi ktieb,

u ma nafx kemm-il artiklu u poeżiji mxerrda mal-gazzetti u l-*magazines* kollha.

L-iktar li naħdem filgħodu, mis-sitta sal-għaxra. Għandi ġnien żgħir, immur hemm għall-frisk, nieħu *pad* u l-*fountain-pen* u nikteb u nikteb. Ġejt li ktibt *short story* ta' 10,000 kelma, jew erba' kapitoli ta' ktieb f'ġurnata. Wara l-għaxra noħroġ, ngħaddi għand xi ħbieb, inħalli xi ħaġa għand l-Editur jew għand il-*publishers*, imbagħad nerġa' għad-dar, meta ma nkunx mistieden barra, niekol, nieħu għamza, u nerġa' 'l barra, għat-teatru jew it-talkies. Fis-sajf insiefer u nieħu l-arja u l-ispirazzjoni ta' l-Italja, tal-Bavarja, Vjenna, il-Lake District u nitħallat mal-kittieba tal-kontinent u nlesti xi ħaġa mibdija jew naħżen għalli ġej.

Hekk hi l-ħajja tiegħi ta' kittieb. Ħajja bħall-oħrajn, imma l-ħajja li tgħodd l-iktar għalija u li biha jidhirli li għamilt l-iżjed ġid. Forsi tajt xi ftit gost bl-istejjer tiegħi lill-ħaddiem għajjien jew lit-tifel imxabba' mill-*algebra* u l-*hydrostatics*. Forsi ferraħtu għax fissirtlu ħwejjeġ li kien jaf bihom iżda le xinhuma. Forsi dawwalt lil xi ħadd bil-ftit dawl tiegħi. Forsi ma għamilt xejn minn dan kollu.

Il-bidu kien dak il-ktieb żgħir ta' 60 faċċata, l-ideja kienet tas-Sur Qalbkbira, l-Editur tax"Xahri" li għadni nħobbu u nqimu sallum.

MARĊELL MIZZI.